# GIUSEPPE CALÌ U L-PITTURA TAL-KNISJA TA' S. DUMINKU

f'April tas-sena l-oħra, il-patrijiet Dumnikani tal-Belt, b'inizjattiva tal-Kav. Rafel Bonnici Calì, b'tifkira ta' zijuh, il-magħruf pittur malti Giuseppe Calì, qegħdu mal-ħajt tal-knisja ta' S. Duminku, basso-riliev, xogħol l-iskultur Toni Pace, tal-Belt, u rħama b'kitba li tfakkarna li Calì mhux biss twieled, tgħammed, għix u miet fil-parroċċa tagħna, imma li kien ukoll huwa li sebbaħ il-knisja tagħna bil-pittura sabieħa tiegħu. Kienet ħaġa xierqa u f'waqtha. Calì rabat ismu mal-knisja tagħna b'mod li ma għandu jitħassar qatt!

Ma kienx għadda żmien wisq wara li l-knisja l-ġdida, fl-1815, tbierket u nfetħet għall-qima tal-fidili, li l-patrijiet ma ħasbux biex isebbuha b'opri artistiċi ta' skultura, rħam u pittura, kif kien jixraq lill-knisja matriċi tal-Belt. L-entużjażmu li qanqal u mexxa 'l patrijiet u lill-parruċċani biex jibnu knisja ġdida akbar u isbaħ milli kellhom, ma ntemmx meta xewqithom ġiet mitmuma, anzi, meta raw b'għajnejhom il-ġmiel ta' knisja li b'tant sagrifiċċji rnexxielhom jibnu, aktar tħeġġu biex jissuktaw iżejnuha biex tkun waħda mill-isbaħ knejjes tal-Belt.

F'qasir żmien il-knisja bdiet tilbes: saret ħafna skultura u kisi bl-irħam. Fl 1843, il-patrijiet ħasbu biex isebbħuha wkoll bill-pittura. L-ewwel għamlu l-pittura ta' l-arzella tal-kor, xogħol il-pittur Pietru Pawl Caruana; fl-1850, l-istess pittur għamel ukoll il-kwadru titulari tal-kor, u ftit wara, ibnu Rafel għamel iż-żewġ kwadri laterali tal-kor, Fl-1851, l-imsemmi Rafel pitter il-koppla l-kbira u l-erba' lunetti ta' taħtha. Fil-koppla pinġa tmien anġli bi strumenti tal-korda f'idejhom u fil-lunetti, l-erba' Evanġelisti.

Iżjed tard, il-patrijiet, biex jkomplu l-opra mibdija b'tant ħerqa mill-patrijiet ta' qabilhom, ħasbu biex jiddekoraw is-saqaf kollu tal-knisja. L-ewwel fl-1891, għamlu l-iskultura talgwarniċun u fl-1815 ħasbu biex jagħmlu l-pittura tas-saqaf. Fil-kunsill tal-kunvent tad-29 ta' Awissu, għażlu erba' patrijiet biex jieħdu ħsieb il-ġbir u x-xogħol kollu.

Biex jagħmel il-pittura, huma għażlu lill-magħruf pittur malti Giuseppe Calì, wild il-parroċċa tagħna, li kien studja Napli taħt il-magħrufa Prof. Giuseppe Mancinelli u l-Prof. Domenico Morelli. Il-fama ta' Calì kienet sadattant inxterdet ġmielha ma' Gżiritna: il-maltin bdew jifhmu aħjar l-istil tal-pittura tiegħu, aktar għanja fl-ilwiem u fil-movimenti tal-figuri.

Calì kien ġa wriena x'kapaċi jagħmel, fl-1878, meta il-fratelli tar-Rużarju tagħna sejħulu biex ipitter l-arzella tal-kappellun tagħhom, fejn Calì pinġa wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu: l-Inkokronazzjoni tal-Madonna. Biex il-pittura tal-knisja tkun kollha magħmulha minn id waħda, il-patrijiet iddeċedew li l-pittura tal-koppla u tal-lunetti li kien għamel Rafet Caruana, li ma tantx kienet tingħoġob, titneħħa u Calì jagħmel kollox mill-ġdid.

Fil-laqgħa tal-kunsill tal-kunvent tas-16 ta' Diċembru 1896, il-patrijiet għażlu bħala suġġett ġenerali tal-pittura tal-knisja, is-7 Doni ta' l-Ispirtu Santu u l-effett tagħhom fil-qaddisin ta' l-Ordni Dumnikan. Fil-flieli tal-koppla riedu figuri li jissimboleġġjaw dawn id-doni u fl-4 lunetti ta' taħt il-koppla, riedu lill-S. Tumas ta' Aquino li jirrappreżenta d-Don tal-Għerf; lill-S. Albert il-Kbir li jirrappreżenta id-Don tax-Xjenza; lill-S. Antoninu ta' Firenze, li jirrappreżenta l-Kunsill u lill-S. Rajmondu ta' Pennafort li jirrappreżenta d-Don tal-Prudenza. Fit-tlett kwadri tal-kursija, għamla ta' stilla, riedu lill-S. Pietru ta' Verona martri, li jirrappreżenta l-Qawwa;

lill-S. Katarina ta' Siena, li tirrappreżenta il-Pjetà u lill-S. Vincenz Ferreri li jirrappreżenta il-Biża ta' Alla.

Fis-saqaf tal-kappellun tal-kor, Calì pitter il-viżjoni li darba kellu S. Duminku meta ra lill-uliedu kollha miġbura taħt il-mantar tal-Madonna, Protettriċi ta' l-Ordni. Madwar il-kwadru, Calì pinġa l-erba' protetturi ta' l-Ordni: S.M. Maddalena, S. Katerina ta' L-Ixandra, S. Wistin u S. Servazju. Fil-kappellun tar-Rużarju pitter lill-S. Piju V. waqt li qed jgħid ir-Rużarju matul il-battalja ta' Lepanto; fil-kappellun ta' S. Duminku, għamel il-viżjoni li kellha omm S. Duminku, il-B. Giovanna ta' Aza qabel ma wildet lill-S. Duminku.

Fl-arzella tal-kappellun ta' S. Duminku fl-1899, pinġa lill-Patrijarka S. Duminku fil-glorja tas-sema f'riġlejn it-tron ta' Ġesu u Marija, ħdejh ftit l-isfel, pinġa lill-sieħbu il-Patrijarka ta' Assisi S. Franġisk. Fil-ġemb, in-naħa t'isfel għamel lill-Papa tar-Rużarju, Ljuni XIII. Biex jagħlaq il-pittura tas-saqaf, fil-ġnub ta' l-orgni pinġa lis-Sultan David u lill-S. Cecilja protetturi tal-mużika.

Il-pittur Calì, f'dan ix-xogħol kollu fisser b'mod ta' l-għaġeb ir-rieda tal-komunità. Il-pittura tiegħu għoġbot lil kulħadd! Il-Kav. Rafel Bonnici Calì, fil-ktejjeb tiegħu "G. CALÌ CENTENARY EXHIBITION 1846 - 1946, f'paġna 17 kiteb:" li hawnhekk zijuh kellu diffikulta kbira minħabba ż-żewġ masses kbar ta' iswed u abjad li jiffurmaw il-libsa dumnikana; imma Calì sab soluzzjoni ġenjali għal din il-problema, billi għaraf iżewwaq b'għaqal u ħila liema bħalhom fil-pittura tiegħu ilwien vivaċi imma li jmorru tajjeb mal-bqija tal-komposizzjoni".

Ix-xogħol ta' l-istukki ta' l-iskudetti, puttini u ornamenti oħra saru minn Ġanni Bonello fuq qisien tal-Prof. Cardona u l-induratura kollha saret mill-aħwa Farrugia. L-iskultur Karmenu Theuma ħadem l-erba' skudetti ta' fuq il-ġwarniċun bejn l-arkati bl-armi ta' erba' Papiet; Onorju III li approva l-Ordni, S. Piju V li waqqaf il-parroċċa tagħna; Girgor XIII li kkonferma l-Bolla ta' Piju V; Piju VII li għolla l-knisja għad-dinjità ta' Bażilka u ta lill-komunità, il-privileġġ tal-muzzetta.

Għall-aħħar ta' l-1902, id-dekorazzjoni kollha tas-saqaf kienet lesta minn kollox u fil-Milied is-saqaf inkixef għall-pubbliku fost l-ammirazzjoni ta' kulħadd.

Waqt li Calì, fl-1898, kien impenjat sewwa biex ilesti s-saqaf, il-patrijiet tħajru jagħmlu kwadru ġdid għall-artal ta' S. Duminku, flok dak tal-Madonna; imma biex lil Calì jħalluh jaħdem fis-saqaf tal-Kursija, il-patrijiet, fil-laqagħa tal-kunsill ta' l-10 ta' Jannar, 1898, qatgħu li jniedu konkors fost il-pitturi magħrufa ta' Ruma. Imma billi l-ħames barranin li wieġbu talbu prezzijiet għoljin ħafna, fil-kunsill ta' 31 ta' l-istess xahar, qatgħu li jitolbu lil Calì biex jagħmlu hu fl-iqsar żmien possibbli. Calì aċċetta u f'inqas minn xagħrejn lestieh, imma għall-ewwel ma iffirmahx b'ismu, iżda bis-sigla ta' Ruma S.P.Q.R. Il-kwadru juri lill-Patrijarka ta' Gużman waqt li qed jagħmel il-miraklu tan-nar, f'diskussjoni ma' l-Albiġiżi ġewwa Fanjeaux, fi Franza. Meta d-dekorazzjoni tal-kappellun ta' S. Duminku kienet lesta minn kollox, il-Vigarju Ġenerali Mons. D. Guzeppi Mercieca D.D. bierek u kixef il-kwadru fost l-entużjażmu ta' folla kbira ta' nies. Il-kwadru tant ingħoġob, li kif jgħidu, lil Calì talbuh jagħmel kopja tiegħu għall-knisja tar-Rużarju ta' Prato di Castello ta' Ruma. Rafel Bonnici Calì jgħid li dal kwadru huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-kapulavuri tiegħu.

Issa li l-pittura tal-korsija u tal-kappelluni kienet lesta, Calì issokta l-opra tiegħu bil-pittura tal-koppletti ż-żgħar: tas-Sagrament, tad-Duttrina, S. Piju V. u ta' S. Katerina ta' Siena. Fihom Calì pinġa figuri li b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-isem tal-kappella.




Meta kien riesaq is-VII Ċentinarju tal-mewt tal-Pat. S. Duminku fl-1921, il-patrijiet, fil-kunsill ta' l-20 ta' Ottubru 1919, ħasbu biex jirrestawraw id-dekorazzjoni tas-saqaf tal-knisja li kellha bżonn dawra sewwa. Il-pittur Calì ġie mitlub jirtokka l-pittura tiegħu, waqt li Ġużeppi Decelis tal-Birgu ħa ħsieb id-dekorazzjonijiet ta' l-istukki, li issa saru ta' l-injam, xogħol Sant u Orsini tal-Birgu, u d-deheb mill-aħwa Farrugia. Dan kien l-aħħar xogħol ta' Calì fil-knisja tagħna. Calì issa kellu 73 sena. L-erba' koppletti l-oħra li kien għad baqa', komplihom ibnu Ramiro megħjun min-neputi tiegħu Rafel. Ramiro, kemm seta', ħares l-istil ta' missieru: trid tkun tifhem biex tinduna li m'humiex mill-istess id.

Wasal iż-żmien li nduru dawra sewwa ma' din l-opra monumentali li tinħtieħ mill-aktar fis restawr serju biex ma nitilfuhiex għal kollox. Hemm bżonn li bħal ma sar fl-imgħoddi, il-patrijiet, il-parruċċani u l-ħbieb flimkien jagħmlu ħilithom biex insalvawha.

REV. FR. PHILIP MALLIA O.P.
S. TH. LECT., & DOCT.



# WELCOME BAR DOMINIC

**13, St. John Street, Valletta**

**- Tel: 229282**

***SNACK BAR***